1 ta' Marzu, 2021

Għażiż(a) Kap tal-Iskola,

Għalkemm għadna għaddejjin minn żmien ta' inċertezza, il-preparamenti għall-edizzjoni tal-kampanja "L-Istrina BOV Piggy Bank" ta' din is-sena diġà bdew. Għaldaqstant, nixtieq nistieden lit-tfal kollha sabiex jipparteċipaw fil-kompetizzjoni tat-tpinġija li qed inniedu sabiex jintgħażlu d-disinji għall-karusijiet, li din is-sena se jerġgħu jkunu magħmulin minn kartun riċiklat. It-tema tal-kompetizzjoni, li se tiftaħ it-triq għal L-Istrina 2021, hija **"Infittxu dak li jgħaqqadna"**.

It-tfal jistgħu jieħdu sehem, individwalment jew anki fi gruppi, billi jibagħtu t-tpinġijiet **oriġinali** tagħhom fuq karta bajda A4 sat-30 ta' April 2021 f'dan l-indirizz: Kompetizzjoni L-Istrina BOV Piggy Bank, The Malta Community Chest Fund Foundation, Il-Palazz tal-President, il-Belt Valletta VLT 1115. Filwaqt li m'għandha ssir l-ebda kitba fuq il-karta tat-tpinġija rispettiva, fuq karta separata għandhom jitniżżlu l-isem, l-indirizz postali, l-isem tal-iskola, in-numru tat-telefown, u l-indirizz elettroniku tal-parteċipant.

Filwaqt li nselli għalikom, nixtiqilkom is-saħħa u nispera li ċ-ċirkustanzi ma jdumux ma jinbidlu għall-aħjar sabiex ikollna l-opportunità li nerġgħu niltaqgħu wiċċ imb wiċċ.

Kull min jixtieq iktar tagħrif jew għandu xi mistoqsijiet jista' jibgħat email fuq mccf@gov.mt jew inkella jċempel fuq in-numru 22053317.

Tislijiet

Miriam Vella